SANNAT

Minuti tat-tmien laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013 fil-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza.

Item 1 Mozzjoni għat-tneħħija tas-Segretarju Eżekuttiv

154 Il-Kunsillier Joe Bajada ~~(PN)~~ iddikjara li hu kuġin tas-Segretarju Eżekuttiv u ~~Is-Segretarju stiednu biex joħroġ 'il-barra mill-laqgħa. Is-Sindku rrimarkalu li bħala Segretarju Eżekuttiv m'għandux dritt jinfluwenza lil Kunsillier waqt il-qadi ta' dmirijietu.~~ is-segretarju qal lil Joe Bajada joħroġ il-barra mil-laqgħa. Is-Sindku irrimarka lis-Segretarju li m'għandux jinfluenza lill-Kunsillieri waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Il-Kunsillier Joe Bajada ma ħax sehem la fid-diskussjoni u lanqas fil-votazzjoni.

Tresqet mozzjoni minn Philip Vella s-Sindku, Frances Galea l-Viċi Sindku u sekondata minn Margaret Said Kunsillier.

Din il-mozzjoni kienet tgħid:

Aħna hawn taħt iffirmati proponenti u sekondanta rispettivament,fil-Kunsill Lokali ta' Sannat qiegħdin għat-termini tal-artiklu 49 (6) (a) qegħdin nitolbu illi dan il-Kunsill ineħħi mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv lil Arthur Bajada.

Din il-mozzjoni qed issir peress li bejn dan il-Kunsill u s-Sur Arthur Bajada m'hemmx relazzjoni tali li d-deċiżjonijiet jittieħdu u jiġu implimentati f'dik is-serenita' għall-aħjar funzjonament ta' dan il-Kunsill u fl-aħjar interess tal-popolazzjoni ta' Sannat.

Waqt id-diskussjoni qasira tkellmu s-Sindku u l-Kunsillier Maria Cassar Sultana.



15.1.14

SANNAT

Is-Sindku fil-qosor ta r-raġunijiet għala s-Segretarju għandu jitneħħa mill-kariga. Ir-raġunijiet li ġab kienu li waqt il-home visits li għamel sab tgergir kontra tiegħu mir-residenti, nuqqas ta' koperazzjoni, nuqqas ta' rispett lejh, nuqqas fuq il-proġetti u l-finanzi.

Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana għamlet stqarrija fejn qalet "Nixtieq nagħmel stqarrija qabel jittieħed il-vot. Fil-ftit jien li ilni li ħadt il-ġurament nista' ngħid li jien qatt ma rajt dan l-aġir imsemmi. Għaldaqstat qatt ma jien ser naqbel jekk iseħħ aġir bħal dan mill-ebda individwu. Pero nista' ngħid li dan l-aġir ma rajtux iseħħ fil-preżenza tiegħi. Għalhekk jien se nivvota kontra. U dan se ngħamlu skond il-kuxjenza tiegħi. Filwaqt li nistaqsi lis-Sindku, jekk kont taf f'dawn l-affarijiet fil-Kunsill preċedenti, għalfejn ma ħadtx ir-responsabilta' li kien hemm bżonn?"

Is-Sindku kien ser iressaq il-mozzjoni għal vot u s-Segretarju qal li hu dejjem għamel xogħlu sewwa. Is-Sindku qed jieħu dan il-pass sempliċiment li kemm ilu Sindku pprova kemm-il darba jieħu inizjattivi li jikser r-regolamenti u hu dejjem sostna li dawn ma jsirux biex inkunu konformi mal-liġi u r-regolamenti. Hu talab ġimgħa żmien biex jagħti lista sħiħa ta' dawn l-okkazzjonijiet kif hu dmir tiegħu li jagħmel bil-liġi.

Is-Sindku għadda mill-ewwel għall-vottazjoni.

Il-votazzjoni ġiet 3 favur u 1 kontra. Ivvutaw favur is-Sindku, Philip Vella (PL), il-Viċi Sindku Frances Galea (PL), il-Kunsillier Margaret Said (PL), filwaqt li kontra vvutat Maria Cassar Sultana (PL).

Il-mozzjoni għaddiet. Is-Sindku ordna lis-Segretarju sabiex jiġu ssiġġillati ċ-ċwievet tas-Segretarju. Is-Segretarju qallu d-deċiżjoni għat-tneħħija jeħodha l-Ministru u mhux il-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.07 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada

Segretarju Eúekuttiv

Philip Vella

Sindku

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

MARK FORMOSA
DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV
15.1.14